MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 446/2003

Avviz Nru : 446/03 DM

Maltacom Plc

Vs

San Gorg Investments Co. Ltd.

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta’ elfejn, erbgha mija, sitta u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2436.85) rappresentanti ammont dovut mill-konvenuti in konnessjoni ma’ stallazzjoni ta’ apparat f’Jannar, 2001, skond ‘invoice’ lilhom mibghuta numru 9148 kopja tieghu annessa mall-avviz mmarkata dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz , tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghat il-provi prodotti mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esebiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa' t-talba attrici, tikkundanna l-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn erbgha mija sitta u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2436.85) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Settembru, 2003 u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------